**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2020) 8550 final tal-4 ta' Diċembru 2020 dwar l-iskema ta' għajnuna SA.21259 (2018/C) (ex 2018/NN) implimentata mill-Portugall għal Zona Franca da Madeira (ZFM) – Reġim III;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi li, essenzjalment, huma identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-553/22 Thorn Investments vs Il-Kummissjoni.

---

## Rikors ippreżentat fit-12 ta' Novembru 2022 – Seamist vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-699/22)

(2023/C 24/76)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Seamist, Lda (Zona Franca da Madeira) (Funchal, il-Portugall) (rappreżentanti: S. Gemas Donário u S. Soares, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2020) 8550 final tal-4 ta' Diċembru 2020 dwar l-iskema ta' għajnuna SA.21259 (2018/C) (ex 2018/NN) implimentata mill-Portugall għal Zona Franca da Madeira (ZFM) – Reġim III;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi li, essenzjalment, huma identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-553/22 Thorn Investments vs Il-Kummissjoni.

---

## Rikors ippreżentat fit-12 ta' Novembru 2022 – Pamastock Investments vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-701/22)

(2023/C 24/77)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Pamastock Investments, SA (Zona Franca da Madeira) (Funchal, il-Portugall) (rappreżentanti: S. Gemas Donário u S. Soares, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2020) 8550 final tal-4 ta’ Diċembru 2020 dwar l-iskema ta’ għajnuna SA.21259 (2018/C) (ex 2018/NN) implimentata mill-Portugall għal Zona Franca da Madeira (ZFM) – Reġim III;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi li, essenzjalment, huma identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-553/22 Thorn Investments vs Il-Kummissjoni.

---

**Rikors ippreżentat fit-12 ta’ Novembru 2022 – TA vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-702/22)**

(2023/C 24/78)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* TA (rappreżentanti: A. Ferreira Correia u R. da Palma Borges, avukati)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla l-Artikoli 1 u 4 tad-deċiżjoni kkontestata minħabba nuqqas ta’ motivazzjoni, jew sa fejn dawn japplikaw għal benefiċjarji minħabba ċ-ċirkustanza li għandhom ħaddiema mhux residenti fir-reġjun ultraperiferiku, jew li jiksbu dħul li s-sors tiegħu huwa barra mir-reġjun ultraperiferiku.

— tikkundanna lill-istituzzjoni konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1414 tal-4 ta’ Diċembru 2020 dwar l-iskema ta’ għajnuna SA.21259 (2018/C) (ex-2018/NN) implimentata mill-Portugall għal Zona Franca da Madeira (ZFM) – Reġim III (notifikata bid-dokument C(2020) 8550) (ĠU 2022, L 217, p. 49), ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq in-nuqqas ta’ motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq żball fl-evalwazzjoni ta’ fatt u ta’ liġi sa fejn id-deċiżjoni kkontestata kkunsidrat li benefiċċji mogħtija lil impriżi li kienu stabbiliti b’mod reġjonali, iżda li kellhom relazzjonijiet esterni, ma kinux kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) TFUE.

3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq żball fl-evalwazzjoni ta’ fatt u ta’ liġi sa fejn id-tad-deċiżjoni kkontestata kkunsidrat li benefiċċji mogħtija lil impriżi li kienu stabbiliti b’mod reġjonali, iżda li kienu jżommu relazzjonijiet ta’ impjieg ma’ ħaddiema li ma kinux preżenti b’mod permanenti fir-reġjun ultraperiferiku, ma kinux kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) TFUE.

4. Ir-raba’ motiv huwa bbażat fuq żball fl-evalwazzjoni ta’ fatt u ta’ liġi sa fejn id-deċiżjoni kkontestata kkunsidrat li benefiċċji mogħtija lil impriżi li ma jeċċedux il-limiti kwantitattiva previsti fil-Linji Gwida dwar l-għajnuna Nazzjonali b’għan Reġjonali għall-2007-2013 u fir-Regolament Ġenerali ta’ Eżenzjoni ta’ Kategorija tal-2014 ma kinux kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3) TFUE.